# Il-Qiegħa

Il-Qiegħa jew id-Dris tal-Qamħ kif irrakkontata lili minn Daniel Micallef tal-Fawwara.

Kont qiegħed inqalleb ritratti antiki ta' Malta li ġbart matul is-snin. Fost il-Kollezjoni sibt żewġ ritratti antiki sbieħ tal-Qiegħa. Tifkira antika ta' xogħol li l-bidwi ma għadux jaħdem. Fir-Ritratt jidhru l-gendus u l-ħmar jidirsu t-tiben u l-bidwi jidirrgħom b'ħabel f'idejh.

Xtaqt insib lil xi ħadd anzjan li għadu jiftakar sewwa kif kienet tinħadem il-qiegħa. Dan sibtu f'Daniel Micallef li għex u trabba fil-Fawwara.
Tgħallem u ħadem ma' missieru Salvu f'xogħol ta' dris. Hu qalli eżatt fuq ix-xogħol li kienu jagħmlu missieru, ommu u ħutu. L-għaġeb tiegħi kien li missieru kien jgħallem kollox fuq ir-raba' bil-kelma u bix-xogħol li kienu jagħmlu u qatt bil-kitba.

Ix-xogħol għall-Qiegħa li jkun imiss jibda meta tispiċċa l-aħħar waħda. Mill-qamħ, xgħir u tiben li jkun għadu kif indires, jitwarrab biżżejjed għas-sena ta' wara. Tkun maħruta u mdemmla l-art u minn nofs Novembru sa nofs Diċembru jinżara' l-Qamħ.

Il-Ħsad tal-qamħ kien jibda meta l-qamħ jinxef sewwa u jsir kulur id-deheb. Dan kien għall-ħabta ta' Ġunju.
Il-Ħsad kien jsir permezz tal-Minġel – li huwa forma ta' nofs Qamar tal-Ħadid li jkun jaqta' ħafna b'manku tond ta' l-injam. Waqt il-ħsad kulħadd kien jgħin biex il-qamħ ifittex jinqata' u jinxef sewwa.


**Il-Minġel**

Waqt il-ħsad tal-qamħ jagħmluh forma ta' Għammar - Ammont ta' qamħ maħsud li jitpoġġa Imdenneb - jiġifieri qatta qamħ waħda kontra l-oħra. Dan kien jsir hekk biex ir-riħ ma jkunx jista' joħorġu mill-qatta meta jintrabat.
L-irbit tal-qatet kien jibda mill-aktar fis biex ir-riħ ma jferrxux ġewwa l-għalqa.

L-irbit tal-qatet kien isir billi jaqbad daqs għaxar zkuk li jkun artab jiġifieri bin-nida ta' filgħodu u mhux imbaskat, biex meta ssir f'għoqda ma tinqatax. Ir-rabta ssir minn naħa taż-żbul (iż-żerriegħa), taqbad l-Għamra Imdemba torbothom billi taqbad min-naħa taz-zokk, wieħed iżommu dritt f'idejh u l-ieħor itih nofs dawra u idaħħlu taħt l-irbit, b'hekk il-qatta tkun lesta.

Wara l-irbit tal-Qatet, dawn jittieħdu fejn tkun ser issir il-Qiegħa u jitpoġġa bħala Munzell jew Katasta – Munzell meta l-Qatet jibqgħu telgħin 'il fuq u Katasta ħemel u nofs tiben. (Ħemel huwa għaxar qatet tiben)

Meta tagħmel ix-xita wara l-ħsad, il-qamħ kien jkun irid jiġi mfettaħ u mqalleb sa ma jinxef.
Il-post magħżul għall-Qiegħa kien jkun l-aktar post milħuq mir-riħ fl-għalqa.
Jitpoġġa [1]Marloġġ - Manku ta' l-injam twil li jkun ma' l-Imgħażqa - jintrabat ħabel twil u jintgħamel qisu Kumpass, jiġifieri jdur dawra tonda fuq il-post.



**Qiegħa antika imħollija hekk għal ħafna snin**

Id-dawra tkun kbira skond il-bhejjem u l-qamħ li jkun ser jindires fuq il-Qiegħa. Kienet issir dawra bejn sittin u tmenin pied[2]. Kienu jintużaw ħmir, baqar, gniedes, żwiemel u bgħula.
Ma' dawn kien jintuża wkoll ir-Romblu ta' l-Iskriepel; minħabba dan, il-qiegħa trid tkun akbar biex ir-Romblu jkollu aktar art fejn idur.

Kif id-dawra tkun lesta trid tinħadem l-art, din kienet tiġi minquxa mogħla żewġ jew tliet pulzieri fil-fond u tiġi msoqqija.
Wara li tkun imxarrba sew jintefa s-Sifa, Zwiel u weraq ta' taħt ir-Riħ. Sifa hija d-denb ta' l-Iżbula. Iz-Zwiel[3] huwa fejn qiegħda (fosqa tal-Qamħa) l-għata fejn kien jkun hemm il-qamħ jew ix-xgħir. Ta' taħt ir-Riħ huwa meta dderri ħafif, dan ir-riħ iġorru 'il bogħod mid-dawra tal-qiegħa. Dawn ikunu minn tal-Qiegħa tas-sena l-oħra li jkun refa l-bidwi.

Il-bidwi flimkien mall-familja tiegħu jidħlu fuq il-ħamrija u jibdew jgħaffġu sewwa b'saqajhom sa ma jitħallat kollox flimkien - ħamrija, sifa, zwiel u l-weraq tat-tiben.



**Kawwara u għarbiel**

1 Kif ssir il-qiegħa
2 Diametru
3 Il-werqa ta' zokk tal-qamħa li jkun ħafif.

Wara li l-art tibda tixxotta kienet tintuża l-Ballata - Din kienet biċċa zokk ta' siġra maqsuma fi tnejn – wiesgħa skond iz-zokk u biex tkun tista' tballat għandha Marloġġ fin-nofs, twil xi ħames piedi. B'hekk kienu jballtu l-art biex tkompli tixxotta u tiġi ċatta.

Fl-aħħar kien jintuża r-Romblu tal-Ġebel. Ir-Romblu kien ġebla tonda ta' xi tliet piedi b'fus fin-nofs b'żewġ ħadidiet magħqudin ma' fus. Dawn il-ħadidiet kienu jkunu maqgħudin b'biċċa ħadida biex il-bidwi flimkien ma' ieħor idawruh madwar il-qiegħa. B'hekk l-art kienet tiġi aktar ċatta u dritta.

Meta tinxef, titgħatta bil-qamħ tal-ħsad u madwaru jitpoġġew qattet tal-qamħ, biex waqt id-dris it-tiben u l-qamħ ma joħorġux 'il barra mill-Qiegħa. L-art titħalla tinxef sew qabel ma jibda d-dris fuqha u l-bhejjem kienu jidħlu meta l-art tkun nixfet sewwa.

Id-dris kien isir ġeneralment meta x-xemx tkun saħnet sew għal xi l-għaxra ta' filgħodu sa l-ħamsa ta' filgħaxija. Dan kien isir hekk għaliex dawn il-ħinijiet kienu jkunu l-aħtrieq, l-arja tkun xotta b'umdita' baxxa u l-qamħ ikun mbaskat sew. B'hekk id-dris ikun aħjar u t-tiben ikun jista' jitqatta aħjar.
Waqt id-dris il-bidwi kien imexxi l-ħmar jew l-annimali l-oħra biex jiġi mgħaffeġ (mfarrak) sewwa.

Il-ħmar u l-annimali li kienu jaħdmu fuq il-qiegħa kienu jlibbsuhom il-Kappestru – ilbies magħmul mill-ġild li jintlibes f'ras il-bhima u kien jintuża biex il-bidwi jmexxi l-annimali minnu. Il-bagħal u ż-żiemel kien jaqbel li tlibbishom it-tustiera – din hija forma ta' Kappestru b'għata tal-ġilda fuq il-ġnub, biex tkun dejjem tara għad-dritt u ma tistordix.



Il-Ballata

Fl-użu tar-Romblu ta' l-Iskriepel[1] - Ir-Romblu kien magħmul minn Travu tond minn tarf sa tarf, kienu jitpoġġew l-Iskriepel tal-ħadid tond bit-tarf li kien jkun ċatt, bejn kull saff kien ikun hemm skarpell ieħor imma bl-iskorfina fit-tarf. Dan kien isir biex iċ-ċatt ta' l-iskarpell ma kienx ikisser l-art u l-qamħ il-midrus jidħol fil-qsim li kien jkun hemm fil-ħamrija. F'nofs l-arblu kien jkun hemm fus bil-ħolqa biex ikun marbut mal-bhima li titlibbes il-Kawwara - forma ta' dawra tonda li timtela bit-tiben iebes u dan jintlibes fl-għonq, biex tkun tista' tiġbed minnha u ma tweġġax.

[1] **Ir-Romblu ta' l-Iskriepel**
Mill-Kawwara jkunu maħruġin it-Taranti - żewġ ħbula fit-truf tagħhom mgħottija bil-ġilda u fit-tarf ikun hemm il-gan biex jiġu mqabbdin mall-maqbad (Ħoloq tar-Romblu ta' l-Iskriepel).



Ir-romblu ta' l-iskriepel

L-ilbies tal-bidwi u l-familja kien jikkonsisti li kollha kienu jilbsu kpiepel tal-Palm b'falda kbira. Il-materjal kien ivarja bejn Palm u Tiben. Il-bidwi kien jilbes Flanella biex jixxotta l-għaraq, qalziet tal-Fustan - maħdum minn newl u jkun miżmum minn terħa. In-nisa kienu jilbsu dublett wiesa u twil, ġlekk bil-kmiem twal u marbut ma' għonqhom Turbant- maktur kbir marbut ma' rashom wara għonqhom.
L-ikel kien jkun jikkonsisti minn minestra, ravjul, ilma mill-bir ta' l-għalqa u ftit inbid.

Wara ħafna dawrien fuq il-qiegħa u d-dris tal-qamħ u x-xgħir ikun tfarrak sew, din titqalleb bil-midra - din kienet biċċa għodda bi tliet iswaba u marloġġ bil-manku twil ta' xi ħames piedi.

It-taqlib kien isir biex ta' taħt jiġi fuq u jerġa' jitbaskat sewwa. L-għada jerġa' jibda jsir id-dris fuqu.
Id-dris kien jkun lest meta l-bidwi jidirlu li l-qamħ ikun ħareġ mill-fosqa taż-żbula u t-tiben ikun tqatta' għal xi sitt jew tmien pulzieri. B'hekk il-qiegħa tkun waslet għat-tidrija. Li dderri hija li tgħolli t-tiben meta tkun żiffa ġmielha. Dan ix-xogħol kien jsir fuq il-qiegħa stess ħalli l-qamħ jaqa' ġo fiha u s-sifa, zwiel u l-weraq ta' taħt ir-riħ jeħodhom 'il barra.



L-għarbiel

Meta tispiċċa mit-tidrija, li jibqa' jitħalla jitbaskat u jerġa' idawwar il-bhejjem fuqu biex jitfarrak il-Karfa - dan huwa biċċiet ta' żbul li ma jkunx tfarrak u l-imsiemer tat-tiben li jkunu sodi iebsa u tqal li bir-riħ ma jkunx ħariġhom 'il barra mill-qiegħa.

Wara dan kollu jibda x-xogħol tal-<u>Lewħ</u> u dan isir permezz tal-<u>Luħ</u>. Dan huwa pala b'ilqugħ fuq kull naħa b'maqbad ta' erba' jew ħames piedi. Kien magħmul minn tavla tal-fagu li tkun sħiħa. Bil-Luħ kien jgħolli l-qamħ u t-tiben li fadal u b'hekk ir-riħ ikompli joħroġ dak li kissret il-bhima mill-karfa li kien baqa' wara t-tidrija tat-tiben.
Dan ix-xogħol irid isir dejjem f'ċertu qawwa ta' riħ jiġifieri la qawwi ħafna u lanqas ftit.

Wara l-lewħ jibda x-xogħol ta' l-għarbiel - dan huwa dawra tonda ta' l-injam mgħotti bil-ġilda tal-fart (baqar jew gendus) mwaħħal u mnixxef tajjeb. Dan kien ikun mtaqqab sew biex jgħaddi l-qamħ u x-xgħir u l-affarijiet il-ħoxnin ma kinux jkunu jistgħu jgħaddu. It-toqob tiegħu jkunu mtaqqbin minn kull naħa faxx, faxx mad-dawra kollha.

Fl-għarbiel kien jibqa' l-Karfa (Imsiemer u biċċiet taż-żbul). Dan kien jinġabar bħala għalf għall-bhejjem. Meta kien ikun lest mill-ewwel għarbiel kien juża t-tieni għarbiel li kien ikun b' toqob iżgħar. Dan kien joħroġ ir-ramel li jibqa' u l-qamħ ta' l-Irqiq (Mizbuk) - magħlub. Dan kien qamħ li ma ħxienx biżżejjed u jintuża għall-għalf tat-tiġieġ.

Ix-xogħol tal-qiegħa jkun lest u jibda jinġabar u jitkejjel kemm għandu qamħ il-bidwi biex jerfa' għas-sena d-dieħla, dak li ser jservieh bħala ikel għal matul is-sena u x'għandu jbiegħ.
Il-Kejl kien jagħmlu bit-Tumna - dan kien kejl magħmul minn qiegħ ta' l-injam oħxon, pjanċa tal-ħadid magħmula tonda miżmuma b'ħadida tonda mill-qiegħ sa fuq u mqabbda ma' oħra maħruġa mill-ġnub tagħha. Fuqha jkun hemm il-bolla tad-Dwana.
Il-bidwi kien ikejjel permezz billi kien jitfa l-qamħ fi xkejjer. Kull erba' tumniet jiġu Wejba u erba' Wejbiet huma Mott.
Il-qamħ miġbur fl-ixkejjer kien jiġi mħolli barra għal xi ġimgħat biex jinxef sewwa u wara jitpoġġa fl-għorfa fejn ma jkunx hemm umdita' u ġrieden.

Wara li jkun nixef sewwa l-qamħ jittieħed għand it-Tuħħan - raġel li għandu il-Mitħna u jitħan il-qamħ. Mill-qamħ jittieħdu ħafna prodotti bżonnjużi għall-ħajja tal-bidwi u l-annimali. Mit-tħin tal-qamħ mill-ewwel qoxra tiegħu tittieħed n-nuħħala ħoxna, it-tieni qoxra tittieħed n-nuħħala komuni, t-tielet qoxra tittieħed il-granża - bejn nuħħala u smid. Dan ix-xogħol ta' l-għażla kien isir permezz ta' għarbiel wieħed irqaq mill-ieħor.

Illum għal ħabta ta' Ġunju waqt mixja fil-Kampanja meta x-xemx tkun tiżreġ ma għadekx tara l-bidwi u l-familja tiegħu jaħdmu l-qiegħa; imma magni jaħsdu u jidirsu l-qamħ u xgħir, jimlew l-xkejjer bil-qamħ u t-tiben marbut f'balel u rombli lesti. B'hekk spiċċat ħaġa oħra mill-folklor Malti li l-magni qerdu għal dejjem.

***Tagħrif miġbur minn Carmel Żammit Pulo***



**Il-Luħ**



**Il-Midra**



**It-tomna li kienet kejl**